# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 15**

**Rikors numru 344/04 SM**

**George Busuttil u Raymond Grech**

**v.**

**Anthony Vassallo u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2005 ġiet kjamata fil-kawża mart il-konvenut, cioé Maria Dolores Vassallo**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-imsejħa fil-kawża Maria Dolores Vassallo minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru, 2012 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u sabet lill-konvenut u lil martu

msejħa fil-kawża debituri *in solidum* tal-atturi fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf lira (Lm75,000)[1] u kkundannathom iħallsu l-istess, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi kienu talbu li l-ewwel Qorti tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imħarrek Anthony Vassallo jħallashom l-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf lira Maltin (Lm75,000), rappreżentanti r-radd lura lilhom ta' somom maħruġin minnhom biex setgħu nkisbu żewġ qatgħat art f'Birżebbuġia, flimkien mal-imgħaxijiet dovuti minn Settembru, 2003. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

3. Wara li l-ewwel Qorti dehrilha li l-imħarrek taha raġunijiet tajba biżżejjed biex jitħalla jikkontesta l-kawża, fi Tweġiba Maħlufa mressqa minnu, l-imħarrek ċaħad li l-ammont huwa dovut. Qal li qatt ma rċieva l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, kif jixlu l-atturi, u skond ftehim tal-25 ta' Settembru, 2003, ħallas lill-atturi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltin (Lm25,000);

4. L-ewwel Qorti, b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2005[2] kienet ordnat is-sejħa fil-kawża ta' mart l-imħarrek, Maria Dolores Vassallo li, għalkemm

[1] Li jġibu € 174,703 fi flus tallum
[2] Paġ. 17 tal-proċess

laqgħet kif imiss in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni, naqset li ddaħħal Tweġiba fil-ħin u l-ewwel Qorti b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2006[3], ċaħdet it-talba tagħha li titħalla ssaffi l-kontumaċja tagħha u tressaq Tweġiba Maħlufa kontra t-talbiet attriċi;

5. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat:*
>
> *"Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*
>
> *"1. Illi l-atturi Busuttil u Grech taw is-somma komplessiva ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (LM75,000.00), lill-konvenut Vassallo, u dan, ai termini tal-iskrittura privata datata l-25 ta' Settembru, 2003, (ara fol 5 et sequitur);*
>
> *"2. Illi r-redazzjoni tal-iskrittura ndikata fil-paragrafu precedenti hi kkonfermata mill-istess prokuratur legali li rredigiha, (ara fol 67 et sequitur);*
>
> *"3. Illi jirrizulta li l-ammonti hemm indikati gew effettivament mghoddija lill-konvenut Vassallo mill-atturi Busuttil u Grech kif indikat fl-istess skrittura;*
>
> *"4. Illi ghalhekk, l-ammont totali li l-atturi ghaddew lill-konvenut fl-imsemmija transazzjoni tammonta komplessivament ghal hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (LM75,000.00), kif spjegat ben tajjeb mill-istess prokuratur legali nvolut fix-xhieda tieghu, (ara fol 69 et sequitur);*
>
> *"5. Illi l-iskop li ghalih giet mghoddija din is-somma komplessiva fuq indikata ma jirrizultax li sehh stante li minn approfondiment fir-rigward irrizulta li l-artijiet in dizamina kienu proprjeta` governattiva u mhux tal-privat, u li ghalhekk in-negozju prospettat qatt ma seta' jsehh;*
>
> *"6. Illi verifikat dan, il-konvenut ipprometta in atti li kien ser jirrifondi s-somma ta' hamsin elf Lira Maltin, (LM50,000.00), lill-atturi, promessa li nonostante d-dekors ta' seba' snin (7) minn meta ghamilha, qatt ma kkonsolidha, (ara fol 28 et sequitur);*

[3] Paġ. 47 tal-proċess

*"7. Illi jirrizulta li l-konvenut irraggira lill-atturi billi l-ewwel hajjarhom jixtru z-zewg bicciet art fuq riferiti u wara li rceva l-ammonti in dizamina ghazel li jzommhom, minflok, ghalih;*

*"Ikkunsidrat:*

*"Illi rigward il-kjamata in kawza ghandu jinghad li din baqghet fi stat ta' kontumacja;*

*"Illi di piu`, il-konvenut Vassallo ma jirrizultax li pprova jiggustifika b'xi mod il-pozizzjoni minnu assunta fl-eccezzjonijiet tieghu;*

*"Ghaldaqstant, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet attrici bhala debitament ipprovati u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi t-talbiet tal-konvenut Anthony Vassallo*";

6. Illi l-imħarrek Anthony Vassallo appella mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-28 ta' Diċembru, 2012, u li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi w tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

7. Illi l-imsejħa fil-kawża wkoll appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tas-27 ta' Diċembru, 2012, u bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

8. Illi permezz ta' żewġ Risposti tal-15 ta' Jannar, 2013, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati warrbu l-aggravji kollha mressqa kemm mill-imħarrek kif ukoll mill-imsejħa fil-kawża, u saħqu li l-appelli

tagħhom m'għandhomx jintlaqgħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom. Jgħidu wkoll li l-appelli huma fiergħa u l-Qorti għandha tikkundanna lil min għamilhom għall-ħlas tal-ispejjeż doppji;

9. Illi għar-raġunijiet li jirriżultaw mill-atti, b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2019[4], ir-Rikorsi ta' l-appell kemm tal-imħarrek u kif ukoll dak tal-imsejħa fil-kawża marru *sine die*, u waqt is-smigħ tal-11 ta Ġunju, 2019[5], din il-Qorti ħassrithom;

10. Illi b'digriet tat-18 ta' Ġunju, 2019[6], il-Qorti laqgħet it-talba mressqa mill-imsejħa fil-kawża (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-appellanti") sabiex ir-Rikors tal-Appell tagħha jitqiegħed mill-ġdid fuq il-lista tal-appelli għas-smigħ;

11. Illi b'digriet tas-19 ta' Ġunju, 2019, il-Qorti ċaħdet t-talba mressqa mill-imħarrek appellant għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2019, fir-rigward tal-appell imressaq minnu;

12. Illi fid-dawl ta' dawk il-provvedimenti, quddiem din il-Qorti fadal biss l-appell imressaq mill-imsejħa fil-kawża;

---

[4] Paġ. 269 tal-proċess
[5] Paġ. 274 tal-proċess
[6] Paġ. 278 tal-proċess

13. Illi b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2019[7], il-Qorti laqgħet it-talba mressqa mill-appellanti sabiex tressaq eċċezzjoni/aggravji oħrajn fid-dawl tas-sentenza li ngħatat fit-12 ta' Lulju, 2019[8], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kumpilazzjoni numru 533/2006 fl-ismijiet *Pulizija (AC Ian Abdilla) v. Antonio Vassallo*;

14. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

15. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkonsidrat:***

16. Illi din hija kawża għar-radd lura ta' flejjes mistqarra f'kitba privata marbuta ma' negozju li ma seħħx. L-atturi (l-appellati) xlew lill-konvenut b'qerq jew ingann, u billi l-konvenut naqas li jħallashom lura l-ammont li ngħatalu, talbuh iroddu lura flimkien mal-imgħax mid-data tal-ftehim. L-ewwel Qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-imsejħa fil-kawża (l-appellanti), laqgħet it-talbiet attriċi w sabet li l-ammont għandu jitħallas minnhom *in solidum*;

---

[7] Paġ. 294 tal-proċess
[8] Paġġ. 285 sa 290 tal-proċess

17. Illi **l-aggravji** mqajma mill-appellanti mis-sentenza appellata huma tnejn, iżda marbutin flimkien. L-ewwel, illi l-ewwel Qorti ma tatx importanza biżżejjed għall-aspett tal-kontumaċja tagħha. It-tieni, li l-atturi appellati naqsu li jippruvaw it-talba tagħhom fil-konfront tagħha, kif kienu fid-dmir li jagħmlu. Għaldaqstant fin-nuqqas ta' din il-prova, l-ewwel Qorti ma setgħetx tasal biex tikkundannaha għall-ħlas *in solidum* ma' żewġha;

18. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li ladarba hija kontumaċi, l-ewwel Qorti naqset li tqis kif imiss l-interess tagħha fil-kawża. Tgħid ukoll li l-appellati ma ppruvawx ir-rabta bejnha u d-djun ta' żewġha;

19. Illi l-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-appellanti naqset tgħid kif l-ewwel Qorti ma ħarsitx l-interessi tagħha bħala parti li waqgħet kontumaċi. Jgħidu wkoll li l-appellanti kienet kompliċi ma' żewġha meta parti mis-somma mgħoddija lilu mill-appellati (il-mertu ta' din il-kawża) ntużat għax-xiri ta' dgħajsa mill-konvenut u martu;

20. Illi huwa minnu li l-kontumaċja ma tfissirx l-ammissjoni tat-talba attriċi min-naħa tal-persuna mħarrka. Għall-kuntrarju, il-kontumaċja dejjem tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi proċedurali fl-Artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek,

bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja w it-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali[9];

21. Illi minkejja dan, tqies ukoll li meta l-istess persuna titressaq u tixhed, dik ix-xhieda titfa' dawl fuq is-sehem tagħha (jew in-nuqqas tiegħu) f'dak li l-parti attriċi tixliha bih. Hekk ġara f'dan il-każ. L-appellanti msejħa fil-kawża tressqet biex tixhed, xehdet u stqarret li m'għandha ebda sehem fin-negozju ta' żewġha. Fil-kontro-eżami li sarilha qalet li żewġha qatt ma nvolviha fin-negozju ta' proprjetà li kien imdaħħal fih. Tgħid wkoll li saret taf bin-negozju li żewġha daħal fih dwar ix-xiri ta' dgħajsa, wara li dan ġie konkluż[10];

22. Illi l-Qorti tqis li, fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, l-ewwel Qorti ma wriet li tat l-ebda konsiderazzjoni għall-fatt li l-appellanti ma kienet iddaħħlet f'xejn fil-ġrajjiet li wasslu għall-għoti tas-somma tal-flus mertu tal-każ u ta' dak li l-appellati u l-imħarrek kienu qegħdin ifasslu. Minn qari tas-sentenza, jidher li l-ewwel Qorti qieset biss il-fatt li l-appellanti kienet waqgħet kontumaċi u li l-imħarrek żewġha kien stqarr kemm-il darba li kellu jagħti lura ħamsin elf Lira (Lm 50,000) mis-somma kollha lill-appellati. Fuq is-saħħa ta' dawn iż-żewġ ċirkostanzi, qieset li l-appellanti

---

9 App. Civ. 21.5.1993 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vella pro et noe v. John Vella***

10 Ara x-xhieda ta' Maria Dolores Vassallo f'paġġ. 152 u 153 tal-proċess

kienet intrabtet solidalment ma' żewġha lejn l-appellati għar-radd lura tas-somma kollha mitluba. Din il-Qorti ma ssibx li għandha timxi bl-istess mod. Kif se jidher fil-konsiderazzjonijiet li se jissemmew aktar 'il quddiem dwar it-tieni aggravju, mhux kull dejn li daħal għalih l-imħarrek kellu awtomatikament jitqies li huwa dejn li ntrabtet bih ukoll l-appellanti, jew sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom sa ma neħħewha bil-permess tal-Qorti kompetenti;

23. Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel aggravju huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa' u ssib li l-fatt li l-appellanti waqgħet kontumaċi ma jwassalx għal daqshekk biss għar-responsabbiltà solidali tagħha mad-dejn mistqarr minn żewġha fil-kitba privata tal-25 ta' Settembru, 2003;

24. Illi fit-**tieni aggravju** l-appellanti tisħaq li hija bl-ebda mod ma ħadet sehem fin-negozju li wassal biex żewġha ngħata s-somma mitluba mill-appellati. Iżżid tgħid li hija lanqas ma ntrabtet mad-dikjarazzjonijiet li għamel żewġha dwar id-dejn tiegħu mal-appellati u qatt ma kienet mgħarrfa b'dak li kien għaddej;

25. Illi għal dan l-aggravju, l-appellati jilqgħu billi jgħidu li l-appellanti kienet ħaġa waħda ma' żewġha fir-raġġiri li dan wettaq bi ħsara għalihom, u ma jiswielha xejn li toqgħod tħambaq li ma kinitx taf x'inhu għaddej.

Ladarba kienet tassew imdaħħla f'dan kollu, l-ewwel Qorti għamlet sewwa li rabtitha solidalment ma' żewġha fil-kundanna għar-radd lura tas-somma mitluba mill-appellati. Biex isaħħu dan l-argument, jistrieħu fuq riċevuta[11] maħruġa dakinhar li saret il-kitba mertu tal-kawża u li biha l-appellat George Busuttil u martu jagħrfu li l-imħarrek u l-appellanti kienu ħallsuhom is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm 25,000) akkont tal-prezz ta' opra tal-baħar li l-miżżewġin Vassallo kienu xtraw f'Lulju ta' qabel mingħand il-miżżewġin Busuttil;

26. Illi huwa prinċipju ewlieni li l-għajn tar-responsabbiltà ċivili tinstilet mill-"imġiba imputabbli għall-dolo jew kulpa"[12], għalhekk is-sehem tal-appellanti msejħa fil-kawża f'dak li ġarrbu l-appellati jrid jirriżulta mix-xhieda tagħhom u mill-provi dokumentali li jsaħħuha;

27. Illi l-kwistjoni li l-Qorti għandha quddiemha hija dik marbuta ma' negozju ta' proprjetà immobbli li ma ntemmx b'wiċċ il-ġid. Kien ukoll negozju maħsub li jsir minn kumpanija li nħalqet sewwasew bejn l-appellati u l-imħarrek[13]. Mill-atti tal-kawża, is-sehem tal-appellanti fir-rigward tan-negozju li l-appellati u l-imħarrek daħlu għalih, li wassal għall-kitba tal-25 ta' Settembru, 2003[14], u l-mogħdija ta' flus mill-appellati lill-

[11] Ara Dok "A", f'paġ. 23 tal-proċess
[12] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe v. Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[13] Ara Dok "AL1", f'paġġ. 132 sa 143 tal-proċess
[14] Paġ. 5 tal-proċess

imħarrek ma jirriżultax. Fil-fatt minn imkien ma jirriżulta li l-appellanti kienet taf bin-negozju ta' żewġha;

28. Illi l-Qorti tqis ukoll ix-xhieda importanti tal-avukat Victor Buġeja, li quddiemhu dehru l-appellati u l-imħarrek. Jirriżulta li l-partijiet kellhom diversi trufijiet pendenti bejniethom tant li l-avukat Buġeja talabhom <u>jiftehmu bejniethom</u> dwar liema negozju kienu ser jiffirmaw skrittura dwaru <u>qabel</u> ma jerġgħu jersqu quddiemu[15]. Meta reġgħu dehru quddiemu, il-partijiet illimitaw l-għoti tal-flus ma' negozju ta' xiri ta' żewġ qatgħat art. Ix-xhieda mogħtija mill-Avukat Buġeja tiswa ħafna f'dan ir-rigward. Hu tressaq jixhed aktar minn darba, u qatt ma qal li, flimkien mal-appellati u mal-imħarrek, kien hemm ukoll in-nisa tagħhom. L-appellanti ma kinetx preżenti żgur għal dak il-ftehim, u l-Qorti tqis għal kollox imqanżaħ l-isforz magħmul mill-appellati li jorbtu "preżenza" tal-appellanti ma' riċevuta maħruġa favur tagħha (u mhux minnha), ukoll jekk saret dakinhar li saret il-kitba mertu tal-każ. Lanqas ma ġiet ippreżentata bħala prova dokumentali xi prokura maħruġa minnha lil żewġha biex jersaq fuq dak in-negozju f'isimha. Fil-fatt, l-appellanti tixhed li hija qatt ma tat prokura lil żewġha biex jidher għaliha jew f'isimha[16]. Il-Qorti ttenni li dik il-kitba saret quddiem avukat (dak iż-żmien kien għadu jservi ta' Prokuratur Legali) li ma setax ma kienx jaf x'tgħid il-liġi dwar ir-rabtiet li jidħlu għalihom persuni miżżewġin;

[15] Ara x-xhieda tal-Avukat Victor Bugeja f'paġġ. 67 sa 76 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Maria Dolores Vassallo f'paġ. 152 tal-proċess

29. Illi l-Qorti tqis ukoll li fuq kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret fit-3 ta' Ġunju tal-2004 (wara li din il-kawża kienet diġà nfetħet u disa' xhur wara li għaddew il-flejjes mill-appellati lill-imħarrek) li biha l-imħarrek ikkonferma li l-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf lira Maltin (Lm75,000) kien għadu dovut, l-appellanta wkoll ma kinetx dehret, għalkemm min kien fassal dik il-kitba kien kiteb li l-appellanti kienet qiegħda tidher fuq il-kitba[17];

30. Illi l-Qorti tqis li r-raġuni waħdanija għalfejn l-appellanti ddaħħlet fil-kawża kienet minħabba li hija kienet miżżewġa lill-imħarrek u li ż-żwieġ tagħhom kien regolat bir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. B'dan il-mod, l-atturi appellati riedu jorbtuha b'sentenza ħalli hija tagħmel tajjeb ukoll għall-ammont pretiż. Tqis ukoll li t-talba għas-sejħa fil-kawża saret mill-appellati nfushom u dan wara li kienet saret il-kitba tat-3 ta' Ġunju, 2004, meta l-appellanti ssemmiet l-ewwel darba b'rabta mal-flus mogħtija lill-imħarrek żewġha u f'liema kitba l-istess appellanti wkoll ma dehritx (għalkemm dehru n-nisa tal-appellati). Tqis ukoll li, sa minn qabel ma fetħu l-kawża, l-appellati kienu jafu li l-imħarrek Vassallo kien miżżewweġ;

[17] Dok "GBX1" f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess

31. Illi ma hemmx dubju li l-għemil li bih parti fiż-żwieġ tislef jew tissellef il-flus (minbarra d-depożitu ta' flus f'kont f'bank)[18] huwa magħdud mil-liġi bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dan iġib miegħu konsegwenzi fil-liġi wkoll għal min jidħol f'att bħalu. Kemm hu hekk, il-liġi trid li għemil bħal dak imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[19], sakemm dak is-self ma jkunx att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni ta' dik il-parti li tkun isselfet jew silfet[20];

32. Illi fejn għemil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għemil xorta waħda jkun jgħodd[21]. Imma jekk għemil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għemil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att[22]. Kull għemil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti

[18] Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16
[19] Art. 1322(2) tal-Kap 16
[20] Art. 1324 tal-Kap 16
[21] App. Ċiv. **1.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Claudette Gauċi v. Paolo Bonniċi Ltd et***
[22] Art. 1326(1) tal-Kap 16

miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[23]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għemil ta' amministrazzjoni straordinarja, dan irid isir fi żmien limitat[24], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jintbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq tal-għemil li jkun[25];

33. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru tqum il-kwistjoni dwar jekk għemil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir tiegħu jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqslikieku kien għemil li sar mit-tnejn[26], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu[27]. Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u s-sieħeb jew sieħba tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara li huma dawk id-djun "biss"[28] li jgħabbu l-komunjoni;

34. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ ċar li l-appellanti ma nediet l-ebda proċeduri biex twaqqa' r-rabta li żewġha daħal għaliha. Il-

---

[23] Art. 1326(5) tal-Kap 16.
[24] Art. 1326(2) tal-Kap 16
[25] Art. 1326(3) tal-Kap 16
[26] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja v. Publius Micallef et***
[27] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar v. Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et v. Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco v. David DeMarco et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **1.6.2007**)
[28] Art. 1327 tal-Kap 16

fatt li l-appellanti u żewġha resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni tal-beni f'Settembru tal-2004[29], ma jinċidi bl-ebda mod dwar din il-kwistjoni għaliex id-dejn pretiż mertu ta' din il-kawża nħalaq qabel ma sar dak il-kuntratt u għalhekk dik il-firda tal-ġid ma setgħetx titħaddem b'effett b'lura minn dakinhar li sar il-kuntratt. Għall-finijiet ta' regolament tad-djun, madankollu, il-miżżewġin Vassallo kienu għamlu ftehim ċar dwar min kellu jerfa' dawk id-djun[30]. Lanqas ma tinbidel il-qagħda bil-fatt li l-appellanti ma fetħitx kawża biex twaqqa' l-ftehim magħmul minn żewġha, għaliex b'daqshekk biss ma jibdilx il-fatt li hija ma tatx il-kunsens tagħha meta għaddew il-flus u lanqas jissarraf f'xi sura ta' kunsens tagħha biex dak id-dejn jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejnha u bejn żewġha l-appellant;

35. Illi filwaqt li l-appellati jixlu lill-miżżewġin Vassallo b'imġiba qarrieqa u doluża, fl-istess nifs, jisħqu li n-negozju marbut max-xiri tal-proprjetà ma kellux x'jaqsam man-negozju tax-xiri tal-opra tal-baħar. U dan huwa minnu tassew, għaliex filwaqt li l-ewwel negozju kien jorbot liż-żewġ appellati flimkien mal-imħarrek, il-bejgħ tal-opra tal-baħar kien negozju bejn il-miżżewġin Busuttil u l-appellanti u żewġha, kif jidher ċar mill-atti tal-kawża[31]. L-appellat George Busuttil jgħid ukoll li l-ħlas marbut mat-tieni negozju tħallas kollu mill-imħarrek[32];

[29] Dok "MDV1", f'paġġ. 154 – 8 tal-proċess
[30] §8 tal-Kuntratt f'paġ. 157 tal-proċess
[31] Ara x-xhieda tal-attur Raymond Grech u tal-attur George Busuttil f'paġġ. 78 u 94 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" f'paġ. 23 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tal-attur George Busuttil f'paġ. 95 tal-proċess

36. Illi ladarba ż-żewġ negozji mhumiex marbuta ma' xulxin, tant li lanqas jolqtu lill-partijiet f'din il-kawża kollha flimkien, il-Qorti ma tistax tifhem minn fejn joħorġu l-qerq u l-kompliċità li bihom l-appellati jixlu lill-appellanti. Għall-kuntrarju, il-qerq u r-raġġir ħarġu mill-proċeduri kriminali li l-appellati nedew kontra żewġ l-appellanti. Is-sentenza li temmet dawk il-proċedimenti tagħmilha ċara li kien Anthony Vassallo (żewġ l-appellanti) li kien jaħti għat-teħid tas-somma ta' ħamsa u sebgħin elf Lira Maltija (Lm 75,000) minn ħalq l-appellati. Kienet sewwasew is-somma li dwarha saret il-kitba ta' kostituzzjoni ta' dejn mertu ta' din il-kawża fil-25 ta' Settembru, 2003. Dan ifisser li l-mertu ta' dik il-kitba kien l-għemil doluż ta' Vassallo li stqarr li kellu jrodd is-somma msemmija lill-appellati wara li daħaq bihom u baqa' ma żammx kelmtu. L-appellanti f'dan kollu ma dehret imkien;

37. Illi l-Qorti tqis ukoll li għall-għemil ta' ingann u qerq li l-appellati xlew bih lil żewġ l-appellanti f'din il-kawża (għemil konsistenti f'reat magħmul b'rieda[33]) il-komunjoni ma tagħmilx tajjeb bis-sehem tal-parti l-oħra miżżewġa[34]. Dan qiegħed jingħad bla ebda ħsara għall-jeddijiet tal-appellati li, f'każ li jkun meħtieġ, jeżegwixxu l-kreditu tagħhom kontra s-

[33] Ara s-sentenza mogħtija fit-**12.7.2019** mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminai fl-Atti tal-Kumpilazzjoni numru 533/2006 fl-ismijiet ***Pulizija (AC Ian Abdilla) v. Antonio Vassallo***
[34] Art. 1327(f) tal-Kap 16 u App. Ċiv. **19.5.2014** fl-atti tar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet ***Guido Grima et v. Pierre Buontempo et*** § 25 u App. Ċiv. **1.12.2014** fl-atti tal-istess kawża § 20.

sehem li l-imħarrek Anthony Vassallo seta' kellu mill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-appellanti sakemm damet fis-seħħ[35];

38. Illi wara li l-Qorti qieset dawn il-ħwejjeġ kollha, hija tasal għall-fehma li dan it-tieni aggravju huwa tajjeb ukoll u ssib li l-ewwel Qorti ma mxietx sewwa meta sabet li l-appellanti kellha tagħmel tajjeb *in solidum* ma' żewġha għall-ħlas tas-somma dovuta lill-appellati kif talbu fil-kawża tagħhom;

***Decide:***

39. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-appell tal-imsejħa fil-kawża** Maria Dolores Vassallo mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru, 2012, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi filwaqt li <u>tħassarha</u> fejn sabet li l-appellanti kienet debitriċi solidali ma' żewġha għall-ħlas lura tas-somma kanoniżżata u fejn ikkundannat lill-istess appellanti għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet legali, <u>tirriformaha</u> billi ssib li l-appellanti ma hijiex debitriċi tal-atturi appellati, u <u>tikkonfermaha</u> fil-bqija;

[35] Art. 1329(1) tal-Kap 16

**Tastjeni** milli tqis l-appell imressaq mill-imħarrek Anthony Vassallo, fid-dawl tad-digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju, 2019[36];

U **tordna** li l-atturi appellati jħallsu **l-ispejjeż tal-appell** tal-imsejħa fil-kawża; filwaqt li l-imħarrek Anthony Vassallo jħallas l-ispejjeż kollha tal-ewwel istanza u kif ukoll dawk tal-appell tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[36] Paġ. 278 tal-proċess